MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2015

Numru. 74/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs.**

**Patrick Mangion**

Numru 74/2009

Illum 5 ta' Mejju 2015

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Patrick Mangion**, ta' sitta u tletin (36) sena, bin Anthony u Giovanna neé Camilleri, imwieled Pietà, nhar it-30 ta' Jannar 1973, residenti fil-fond numru

Block 1, Flat 7, Triq id-Deheb Fin, Qormi, u Chrisdiana, Flat 1, Triq it-Tunnara (Bahar ic-Caghaq), Naxxar, u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 68773(M)

akkuzat talli nhar is-07 ta' Ottubru, 2009, gewwa Sunsweet Green Grocer, Triq Ghajn Qamar, Xaghra, Ghawdex, ghall-habta tas-siegha u nofs (13:30hrs) ta' wara nofsinhar:

1. seraq *cash register* tat-tip Nova 4212PD b'valur ta' €466.00 ghad-detriment ta' Rebecca Camilleri, liema serq huwa aggravat bil-valur;

2. fl-istess data, hin u cirkostanzi seraq €300 fi flus ghad-detriment ta' Rebecca Camilleri, liema serq huwa aggravat bil-valur;

akkuzat ukoll talli nhar is-07 ta' Ottubru, 2009, gewwa Triq Salvu Attard, Qala, Ghawdex, ghall-habta ta' bejn is-saghtejn u t-tlieta (14:00hrs – 15:00hrs) ta' wara nofsinhar:

3. seraq zewg qsari ghad-detriment ta' Anthony Satariano;

4. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi seraq diversi oggetti minn gewwa vettura KKK 600 ghad-detriment ta' Barbara Bourne, liema serq huwa aggravat bi sgass, bix-xorta tal-haga misruqa;

akkuzat ukoll talli nhar is-07 ta' Ottubru, 2009, gewwa Triq Ta' Kassja, Qala, Ghawdex, ghall-habta ta' bejn is-saghtejn u l-erbgha u kwart (14:00hrs – 16:15hrs) ta' wara nofsinhar:

5. bil-hsieb li jikkommetti serq, ghad-detriment ta' Maria Portelli u Grace Abela wera dan il-hsieb b'atti esterni billi ta bidu ghal esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta' tieghu, liema serq huwa aggravat bil-valur u xorta tal-haga misruqa;

6. ghamel hsara li tammonta ghal aktar minn mija u hamsin Euro (€150.00) izda inqas minn elf, mija u erbgha u sittin Euro u disgha u sittin centezmu (€1164.69) b'detriment ta' Maria Portelli;

7. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghamel hsara li tammonta ghal aktar minn mija u sittax-il Euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) izda inqas minn elf, mija u erbgha u sittin Euro u disgha u sittin centezmu (€1164.69) b'detriment ta' Grace Abela;

<u>akkuzat ukoll talli gewwa l-Ghassa tal-Pulizija, Rabat (Ghawdex) ghall-habta tat-tmienja ta' filghaxija (8:00p.m.)</u>:

8. ingurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skont il-ligi minn sevizz pubbliku cioé PS 581 Loreto Buttigieg waqt li kien jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

9. attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna nkarigata skont il-ligi minn servizz pubbliku, PS 581 Loreto Buttigieg filwaqt li kien jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ordni moghti skont il-ligi mill-awtorita' kompetenti;

10. fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioé offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' PS 581 Loreto Buttigieg;

11. fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, b'ghajjat u bil-glied;

12. irrenda ruhu recidiv *ai termini* tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie misjub hati b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputat, l-imputat ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 8).

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 147) datata 20 ta' Lulju 2010 li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub:

(a) fl-Artikoli 18, 261(c), 267 u 279(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) fl-Artikoli 18, 261(c), 267 u 279(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) fl-Artikoli 18, 284 u 285 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(d) fl-Artikoli 18, 261(b)(g), 263, 264, 271, 278(1)(2), 280 u 281 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(e) fl-Artikoli 18, 41, 261(c)(g), 267, 271, 279, 280 u 281 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(f) fl-Artikoli 18, 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(g) fl-Artikoli 18, 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(h) fl-Artikoli 18, 338(ee), 338(ff) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(i) fl-Artikoli 338(bb)(dd) u 339(1)(b)(d)(e)(i) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(j) fl-Artikoli 95 u 96 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(k) fl-Artikoli 41, 214 u 216(1)(a)(ii)(iii)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(l) fl-Artikoli 382(A), 383, 384, 385, 386 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(m) fl-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(n) fl-Artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi, waqt l-udjenza tat-3 ta' Novembru 2011 (*a fol.* 173), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fl-20 ta' Lulju 2010 (*a fol.* 147), f'liema seduta l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Rat illi originarjament f'din il-kawza kien hemm zewg imputati: l-imputat Patrick Mangion u persuna ohra bl-isem ta' Carmela Cini.

Rat li Carmela Cini ammettiet l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghha u nghatat sentenza fil-konfront taghha fis-seduta tas-7 ta' Frar 2013 (*a fol.* 182 *et seq.*).

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' April 2014 moghti mis-Sinjurija Tieghu il-Prim'Imhallef (*a fol.* 215).

Rat id-digriet moghti minn il-Qorti kif preseduta fil-5 ta' Mejju 2014 (*a fol.* 218).

Semghet, fis-seduta tal-14 ta' Ottubru 2014 (*a fol.* 220 *et seq.*), lill-Prosekuzzjoni u lid-difiza jezentaw lill-Qorti kif preseduta milli

terga' tisma x-xhieda kollha li kienu diga nstemghu minn din il-Qorti kif diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta.

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta' Ottubru 2014 (*a fol.* 220 *et seq.*) fejn il-Qorti kkoncediet lill-Prosekuzzjoni zmien sat-28 ta' Novembru 2014 sabiex tipprezenta n-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha bil-miktub bil-visto tad-difiza li jkollha zmien sas-16 ta' Jannar 2015 sabiex tipprezenta n-Nota responsiva taghha.

Rat illi l-Prosekuzzjoni baqghet ma pprezentat l-ebda Nota ta' Sottomissjonijiet minkejja li giet moghtija l-fakolta' li taghmel hekk.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tad-difiza (*a fol.* 222 *et seq.*).

Semghet, fis-seduta tas-27 ta' Jannar 2015 (*a fol.* 232), lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li kienet qed tirrimetti ghal dak li jirrizulta mill-atti processwali.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tat-22 ta' Ottubru 2009, xehed **PS 581 Loreto Buttigieg** (*a fol.* 59 *et seq.*) fejn qal li fis-7 ta' Ottubru 2009 kien xoghol fl-Ghassa tal-Pulizija fir-Rabat u rcieva diversi rapporti li go Triq Salvu Attard

u Triq ta' Kassja, it-tnejn fil-Qala, kienu nsterqu xi affarijiet jew ppruvaw jinsterqu xi affarijiet. Jghid li mar fuq il-post. Jghid ukoll li:

(a) Grace Abela qaltlu li kellha l-vettura taghha *Vauxhall Polo* pparkjata u mhux msakkra u li xi hadd ipprova jkisser il-*compartment* billi kien imkisser u pprova jiehu xi affarijiet;
(b) Maria Portelli qaltlu li kellha l-vettura taghha *Terrios* ipparkjata u xi hadd ipprova jiehu l-i*stereo* pero ma rnexxielux, izda dan inkiser;

(c) Anthony Satariano nfurmah illi kellu zewg qsari quddiem id-dar li gew misruqin. Jghid li aktar tard dawn instabu fil-vettura li kien qed juza l-imputat;

(d) Barbara Bourne nfurmatu li kellha l-vettura taghha pparkjata bit-twieqi miftuhin u minnha nsterqu: *basket* bl-affarijiet go fih, fosthom kien hemm sett cwievet b'*key chain* forma ta' delfin u kif ukoll ktieb antik. Jghid li l-ktieb instab u l-*key chain* instabet mac-cwievet tal-vettura tal-imputat.

Jghid li l-Ufficjal Prosekutur l-iSpettur Josric Mifsud ha stqarrija lill-imputat u wara li sar dan, sema lill-imputat jghajjat gol-Ghassa tal-Pulizija u li beda jghid li ried jerga' jkellem lill-iSpettur. Jghid li kellem lill-imputat u qallu b'dak li kien qallu l-iSpettur u li: *"Dan baqa' jghajjat, "irrid inkellem lill-ispettur issa!" u fil-hin gie hebb ghalija u tani zewg daqqiet ta' ponn fuq sidri"* (*a fol.* 60). Ezebixxa erba' okkorrenzi li gew immarkati minn Dok. "LB 1" sa Dok. "LB 4" (*a fol.* 61 *et seq.*). Ikkonferma li c-certifikat mediku (Dok. "C" – *a fol.* 12) gie rilaxxat mill-iSptar in konnessjoni mal-griehi li sofra.

In <u>kontro-ezami</u> jghid li bid-daqqiet li tah l-imputat kellu biss hmura u li ma kellux tbengiel jew grif. Jghid li l-imputat mar b'rankatura ghal fuqu u b'idejh it-tnejn tah bil-ponn fuq sidru.

In <u>kontro-ezami</u>, li tkompla fis-seduta tat-2 ta' Mejju 2013 (*a fol.* 187 *et seq.*), jghid li, sa fejn jaf hu, huwa ma ghamel l-ebda tfittxija fil-vettura tal-imputat. Jghid li jiftakar li l-imputat l-ewwel attakka lilu u mbaghad ittiehed l-isptar.

Illi, fis-seduta tat-22 ta' Ottubru 2009, xehdet ukoll **Barbara Bourne**[1] (*a fol.* 74 *et seq.*) fejn qalet li kienet halliet nofs it-tieqa tal-vettura taghha miftuha u li sabet il-basket li kellha fil-vettura misruq. Tispjega x'kellha fil-basket, fejn fost l-ohrajn tghid li kellha ktieb u *key-chain* fl-ghamla ta' delfin. Tikkonferma li din il-*key-chain* hija dik li hija mmarkata bhala Dok. "N" (*a fol.* 50). Tghid li aktar tard nstab il-ktieb f'ghalqa vicin u li gie mittiehed ghand il-pulizija minhabba l-marki tas-swaba. Ma rat lil hadd jisraq il-basket. Dwar il-*key-chain* tghid: *"There is no mark on it which can really say that that is my key-chain. However, I can say definitely that it is mine"* (*a fol.* 74).

Illi, fis-seduta tat-3 ta' Novembru 2009, xehed **PC 774 Anthony Calleja** (*a fol.* 81 *et seq.*) fejn qal li fis-7 ta' Ottubru 2009 Rebecca Camilleri rrapportat li kien insteraq il-*cash register* b'kollox minn gewwa l-hanut taghha fix-Xaghra. Jghid li Camilleri tathom deskrizzjoni ta' ragel u mara, x'kienu lebsin u li x'aktarx kienu Maltin. Jghid li Camilleri gharrfet lil dawn il-persuna bhala l-imputat u Carmela Cini. Jghid li l-imputat beda jghajjat fl-Ghassa tal-Pulizija u li meta PS 581 pprova jikkalmah, l-imputat dar ghalih u tah daqqa taht ghonqu. Jghid li l-imputat beda jilmenta li kellu xi

[1] Id-depozzjoni ta' Bourne gie moghtija bil-lingwa ngliza. It-traskrizzjoni ta' din id-depozizzjoni giet tradotta ghal-lingwa maltija (Dok. "AM" – *a fol.* 167 *et seq.*).

ugiegh f'sidru u li ried il-*methadone* u li ttiehed l-iSptar u nghata xi pilloli.

Illi, fis-seduta tat-5 ta' Novembru 2009, xehed **PS 559 Jason Spiteri** (*a fol.* 85 *et seq.*) fejn qal dak li kienet rapportat Rebecca Camilleri. Ta aktar dettalji ta' dak li qalet Rebecca Camilleri u l-mod kif gie misruq il-*cash register* taghha. Jghid li Camilleri ndikat lill-imputat u lil Cini bhala l-persuni li wettqu s-serqa. Spjega x'kellhom fuqhom l-imputat meta saret *strip search* fuqhom. Jghid li fil-vetura li kienu fiha l-imputat u Cini nstabu zewg qsari forma ta' dghajsa. Spjega kif l-imputat beda jilmenta minn xi ugiegh f'sidru u li ttiehed l-iSptar. Spjega wkoll li sa dan it-tant kienu gew rapportati kazi ohra ta' serq minn go vetturi u minn parapett ta' residenza f'toroq fil-Qala. Jghid li gew rapportati li kienu nsterqu zewg *pots* tal-qsari u li l-vittmi gharfu li dawk li nstabu fil-vettura kienu dawk li kienu gew misruqa lilhom. Jixhed li fuq l-imputat instabet *key chain* (Dok. "N" – *a fol.* 50) li kienet go baskett li gie rapportat misruq. Jghid li meta l-imputat kien l-Ghassa tal-Pulizija, ried jerga' jkellem lill-iSpettur u li l-imputat beda jghajjat u li meta l-Pulizija pruvat tikkalmah, l-imputat imbotta lis-Surgent minn ghonqu u tah daqqa go sidru taht l-ghonq. Jghid li l-imputat rega' talab li jttiehed l-isptar minhabba l-ugiegh li kellu f'sidru. Ezebixxa okkorrenza mhejjija minnu li giet immarkata bhala Dok. "JS" (*a fol.* 88 *et seq.*).

In <u>kontro-ezami</u>, li sar fis-seduta tas-17 ta' Ottubru 2013 (*a fol.* 192 *et seq.*), jghid li meta l-imputat gie mwaqqaf l-port tal-Mgarr, l-imputat ma ghamel l-ebda rezistenza. Mistoqsi jghid x'kellu l-imputat fil-vettura meta saret tfittxija fiha, jghid li jiftakar li kien hemm zewg qsari fuq is-*seat* ta' wara u li kien hemm xi borza bil-lewz. Ma jiftakarx jekk ittiehdux impronti digitali. Jghid li d-deurbati gharfu l-qsari minhabba li kienu forma ta' dghajsa. Jghid li fuq l-imputat instabet cavetta b'*keychain* forma ta' denfil u li l-persuna li rrapurtat din il-*keychain* nieqsa qalet li l-valur taghha ma kienx kbir imma

kellha valur sentimentali. Ikkonferma li l-imputat imbotta lil PS 581. Ikkonferma wkoll li f'hin minnhom l-imputat beda jghidilhom li kien *sick* u li ried il-*methadone*.

Illi, fis-seduta tat-5 ta' Novembru 2009, xehed ukoll **PC 1120 Anthony Stellini** (*a fol.* 93 *et seq.*) fejn qal li fis-7 ta' Ottubru 2009 kien xoghol fl-Ghassa tal-Pulizija fl-Mgarr u wara li kien gie nfurmat li kien misruq *cash register*, marret sidha u gharfet lill-imputat u lil Cini bhala l-persuni li kienu serquha.

Illi, fis-seduta tat-5 ta' Novembru 2009, xehdet ukoll **Rebecca Camilleri** (*a fol.* 96 *et seq.*) fejn qalet li xi gimghat qabel l-imputat u Cini marru jixtru fil-*grocer* taghha u xtraw xi affarijiet. Osservat li l-imputat u Cini pparkeggaw il-vettura ta' kulur ahmar mhux quddiem il-hanut taghha pero ftit aktar il-boghod. Tghid li f'hin minnhom dahlet fid-dar taghha li tinsab biswit il-hanut u semghet tisbita qisha bieba ta' vettura u vettura titlaq tigri. Tghid li harget tigri u ndunat li l-*cash register* ma kienx ghadu hemm. Tixhed li ma ratx lil min serqilha l-*cash register*. Tixhed ukoll li ghamlet rapport u li aktar tard marret ix-Xatt tal-Mgarr u rat lill-imputat u lil Cini telghin fuq il-vapur bil-vettura. Tghid li fil-*cash register* kellha madwar tlitt mitt Euro (€300). Tghid li xtrat il-*cash register* ghall-prezz ta' madwar mitejn lira Maltin (Lm200).

In <u>kontro-ezami</u> tghid li ma hadet xejn minn dak li nsterqilha.

Illi, fis-seduta tat-5 ta' Novembru 2009, xehed ukoll **Dominic Refalo** (*a fol.* 98) fejn qal li kien qieghed jaghmel xoghol fuq barra u osserva vettura hamra ghaddejja u li kien hemm *cash register* fuq hogor il-passiggier. Jghid li wara gie nfurmat b'dak li kien gralha l-gara tieghu, cioé li kienet giet misruqa.

Illi, fis-seduta tat-5 ta' Novembru 2009, xehdet ukoll **Lucia Mifsud** (*a fol.* 100 *et seq.*) fejn qalet li xi xahar qabel kienet marret id-dar taghha Barbara Bourne li wara qaltilha li kien insterqilha l-basket mill-vettura taghha. Tispjega kif hi osservat li kien hemm ktieb f'ghalqa vicin, li Bourne kkonfermat li kien taghha.

Illi, fis-seduta tat-5 ta' Novembru 2009, xehdet ukoll **Grace Abela** (*a fol.* 102) fejn qalet li hija proprjetarja tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni DAH 585 u li xahar qabel kien dahal xi hadd fil-vettura taghha u ghamlilha l-hsara fil-bieba tad-*dashboard* u li kellha xi karti fil-vettura liema karti sabithom mferxin. Tghid li ma nsteraq xejn mill-vettura. Tghid li certu Tony Vella ghamlilha stima ta' madwar mitt Euro (€100.00) minhabba li l-bieba tad-*dashboard* ma setghetx tinghalaq sewwa.

Illi, fis-seduta tat-5 ta' Novembru 2009, xehed ukoll **Anthony Vella** (*a fol.* 103) fejn spjega li huwa mekkanik u li ta stima lil Grace Abela ta' madwar €87.00 sabiex hija setghet issewwi l-hsara li kellha fil-vettura taghha. Ezebixxa din l-istima li giet immarkata bhala Dok. "AV" (*a fol.* 104).

Illi, fis-seduta tad-9 ta' Marzu 2010, xehed **Dr. Joseph Galea** (*a fol.* 126 *et seq.*) fejn ikkonferma c-certifikat mediku (Dok. "C" – *a fol.* 12) rilaxxat minnu wara li huwa ezamina lil PS 581 Loreto Buttigieg. Jghid li sab hmura superficjali fuq is-sider u fuq l-ghonq in-naha tax-xellug. Ikklasifika dawn il-griehi bhala griehi ta' natura hafifa.

In kontro-ezami jghid li meta kellem lil PS 581 Buttigieg, dan ma kienx qed jilmenta mieghu minn xi ugiegh. Jghid li ma sab l-ebda brix.

Illi, fis-seduta tad-9 ta' Marzu 2010, xehed ukoll **PS 1424 Mario Sciberras** (*a fol.* 129) fejn spjega li fis-7 ta' Ottubru 2009 kien fil-parapett tal-Ghassa tal-Pulizija u f'daqqa wahda sema hafna ghajjat, dahal gewwa u ra lill-imputat jghajjat. Jghid li l-imputat beda jidghi u li meta mar PS 581 Buttigieg, waqt li kien qed ikellem lill-imputat, l-imputat tah daqqa ta' ponn b'idejh it-tnejn fuq sidru u mbuttah b'konsegwenza ta' liema PS 581 habat mal-hajt.

Illi, fis-seduta tad-9 ta' Marzu 2010, xehed ukoll **PC 371 Joseph Mercieca** (*a fol.* 131 *et seq.*) fejn spjega li fis-7 ta' Ottubru 2009 waqt li l-imputat kien fl-Ghassa tal-Pulizija tar-Rabat, l-imputat imbotta lil PS 581 bil-ponn fuq sidru.

In kontro-ezami jghid li bid-daqqa, minkejja li PS 581 ma waqghax, hu gie mmexxi lura.

Illi, fis-seduta tad-9 ta' Marzu 2010, xehed ukoll **Jason Micallef** (*a fol.* 133) fejn spjega li huwa proprjetarju tal-hanut *Sound and Vision* u kkonferma rcevuta Dok. "E" (*a fol.* 14) minn liema jirrizultaw il-hsarat li kien hemm fid-*dashboard*.

Illi, fis-seduta tad-9 ta' Marzu 2010, xehed ukoll **Anthony Satariano** (*a fol.* 134) li xehed li quddiem il-bieb ta' barra kellu zewgt iqsari forma ta' dghajsa u li jidhirlu li kien xtrahom bejn Lm15-Lm20 il-wahda. Jghid li darba minnhom mar lura d-dar u sabhom neqsin. Jghid li gie nfurmat li l-qsari kienu qeghdin go vettura *Citroen*

hamra li kienet tinsab quddiem l-Ghassa tal-Pulizija u meta mar l-Ghassa identifika dawn il-qsari li kien hemm fil-vettura bhala li kienu tieghu.

Illi, fis-seduta tad-9 ta' Marzu 2010, xehdet ukoll **Maria Portelli** (*a fol.* 135) fejn spjegat li f'Settembru/Ottubru 2009 kien halliet t-twieqi tal-vettura mnizzlin u li xi hin irrealizzat li xi hadd kien dahal fil-vettrra taghha. Tghid li meta fethet il-vettura sabet li kellha l-bieba tad-*dashboard* mkissra u sabet l-i*stereo* maqlugh. Tghid li rrizulta li l-i*stereo* kellu l-*wires* maqtughin minn wara. Tghid li ghamlet stima tal-ispejjez minghand is-*Sound and Vision*, liema stima telghet ghal madwar €150. Ikkonfermat li din l-istima hija dokument immarkat bhala Dok. "E" (*a fol.* 14).

Illi, fis-seduta tas-16 ta' Settembru 2010, xehdet **Dr. Michael Portelli** (*a fol.* 152) fejn xehed fir-rigward tac-certifikat mediku mmarkat bhala Dok. "M" (*a fol.* 49) li gie mahrug fir-rigward tal-imputat.

Illi, fis-seduta tas-16 ta' Settembru 2010, xehed ukoll **PC 759 Emanuel Zammit** (*a fol.* 153 *et seq.*) fejn spjega x'kien l-involviment tieghu fir-rigward tar-rapport li kienet ghamlet Rebecca Camilleri rigward serqa li kienet saret mill-hanut taghha.

Illi, fis-seduta tas-16 ta' Settembru 2010, xehed ukoll **PS 1464 Michael Portelli** (*a fol.* 155) li xehed fuq l-istess linji li xehed PC 759 Emanuel Zammit.

Illi, fis-seduta tas-16 ta' Settembru 2010, xehed ukoll **Saviour Farrugia** (*a fol.* 157) fir-rigward ta' min jappartjenu numru ta'

vetturi. Ezebixxa d-dokumentazzjoni li xehed fuqha li giet immarkata bhala Dok. "SF" (*a fol.* 158 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-20 ta' Frar 2014, xehdet il-**Psikologa Dr. Roberta Holland** (*a fol.* 199 *et seq.*) fejn qalet li ilha taf lill-imputat ghal diversi snin. Tghid li l-imputat ghandu rekord ta' uzu ta' droga u dipendenza mid-droga. Tghid li fil-passat l-imputat kien minn zmien ghal zmien jipprezenta certu problemi, per ezempju kunflitti ma' haddiehor u ma jobdiex ir-regoli. Tghid li dan l-ahhar l-istat mentali tal-imputat huwa wiehed stabbli u li ghandu kontroll tal-imgieba tieghu. Tghid: *"qieghed imur ahjar ma' haddiehor, anke in terms of motivazzjoni biex jaghmel programm tad-droga tidher li qisha izjed genwina"* (*a fol.* 200). Tghid: *"dan l-ahhar per ezempju kien qieghed anke jahdem fuq barra mal-community work scheme"* (*a fol.* 200). Tispjega li l-insistenza taghha f'dak li fl-opinjoni taghha l-imputat ghandu bzonn, u li anke l-imputat qabel mieghu, huwa li l-imputat jattendi u jaghmel programm ta' riabilitazzjoni qabel ma jkun rilaxxat. Ezebiet ir-rapport taghha li gie mmarkat bhala Dok. "RH" (*a fol.* 204 *et seq.*).

Illi, fil-parti ntestata bhala "Rakkomandazzjoni" fir-rapport taghha (Dok. "RH" – *a fol.* 211), Dr. Roberta Holland tghid hekk:

*"L-ahjar mod kif jista' jigi mghejjun f'dan l-istadju huwa li minn qabel ma' jispicca s-sentenza huwa jibda jsegwi programm ta' rijabilitazzjoni mid-droga u jibqa' jattendi sessjonijiet wara li jispicca s-sentenza. Ta' min jinnota li din id-decizjoni ma tiddependix biss minnu. Ikun importanti li jzomm il-kuntatt ma' l-istess agenzija biex ikun offrut sorveljanza b'sapport psikologiku, u jevita relapse anke wara r-rilaxx. Ikun ta' gid matul dan iz-zmien, jigifieri minn ftit qabel ma jispicca s-sentenza, imma anke wara, ikollu l-assistenza ta' Probation Officer. Dawn flimkien jistghu ituh ghajnuna biex izid is-sens ta' responsabilita' personali, jikkontrolla l-*

*imgieba tieghu ahjar, ikun mghejjun ihejji pjanijiet cari, rejalistici u ghaqlin, ikun mghejjun f'aspetti socjali, u jibqa' astinenti mid-droga meta johrog. Jidher li bhalissa jinsab motivat li jaghmel dan u li jircievi dan it-tip ta' trattament.*

*Jidher li z-zmien li baqghalu xi jservi fuq sentenzi ohra, ghandu jkun bizzejjed biex huwa jkun jista' jaghmel it-tibdiliet necessarji li jonqsu jaghmel, specifikament li jibqa' sejjer kif inhu fl-imgieba tieghu, li jsegwi programm ta' rijabilitazzjoni mid-droga u li dan kollu jikkonsolidah la darba johrog lura fis-socjeta'. Din ir-rakkomandazzjoni qed issir minghajr pregudizzju lejn kull decizjoni li jidhrilha li ghandha tiehu l-Qorti rigward sentenza f'dan il-kaz".*

**Ikkunsidrat**

Illi, fl-istqarrija (Dok. "G" – *a fol.* 17 *et seq.*) rilaxxata mill-imputat lill-Pulizija, liema stqarrija giet rilaxxata fis-7 ta' Ottubru 2009, meta kien ghadu ma kienx introdott id-dritt li persuna arrestata tikkonsulta ma' avukat, l-imputat ma wegibx ghad-domandi kollha li sarulu fir-rigward ta' diversi serqiet.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat jinsab akkuzat b'diversi imputazzjonijiet li jinkludu reat ta' serq, attentat ta' serq, hsara volontarja, diversi kontravenzjonijiet, kif ukoll theddid, rezistenza u li kkaguna feriti ta' natura hafifa fil-konfront ta' ufficjal tal-Pulizija. L-imputat qed jigi wkoll akkuzat li huwa recidiv. Kif diga nghad aktar il-fuq, flimkien mal-imputat originarjament kien hemm persuna ohra, Carmela Cini, akkuzata li fi stadju partikolari ammettiet l-

imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghha u nghatat is-sentenza fil-konfront taghha. Il-Qorti ser issa tghaddi sabiex taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha fir-rigward tal-imputazzjonijiet *per se*.

**L-Ewwel (1) u t-Tieni (2) Imputazzjoni**

**(Serq ta' *cash register* u flus ghad-detriment ta' Rebecca Camilleri kwalifikat bil-Valur)**:

Illi, dwar dawn iz-zewg imputazzjonijet, fl-atti processwali jirrizultaw is-segwenti:

- Rebecca Camilleri (*a fol.* 96 *et seq.*) xehdet li setghet tosserva li l-imputat u Cini pparkeggaw il-vettura ta' kulur ahmar mhux quddiem il-hanut taghha pero ftit aktar il-boghod. Tghid ukoll li l-imputat u Cini kienu marru jixtru fil-*grocer* taghha u xtraw xi affarijiet u wara li dahlet fid-dar taghha, li tinsab biswit il-hanut, f'hin minnhom semghet tisbita qisha bieba ta' vettura u vettura titlaq tigri u hekk kif harget tigri, indunat li l-*cash register* ma kienx ghadu hemm. Tghid li xtrat dan il-*cash register* ghall-prezz ta' madwar mitejn lira Maltin (Lm 200) u li fih kien hemm madwar tlitt mitt Euro (€300).

- Dominic Refalo (*a fol.* 98) xehed li setgha josserva vettura hamra ghaddejja u li kien hemm *cash register* fuq hogor il-passiggier.

- Kemm PC 774 Anthony Calleja (*a fol.* 81 *et seq.*) u PS 559 Jason Spiteri (*a fol.* 85 *et seq.*) xehdu li Camilleri rraportat li kien insteraq *cash register* taghha b'kollox. It-tnejn li huma kif ukoll PC 1120 Anthony Stellini (*a fol.* 93 *et seq.*) xehdu li Camilleri gharfet lill-imputat u lil Cini bhala l-persuni li serquha.

Illi, tenut kont ta' dan kollu, u tenut kont tal-fatt li kienet Camilleri stess li gharfet lill-imputat u lil Cini telghin fuq il-vapur bil-vettura

bhala l-persuni li kienu serquha, il-Qorti m'ghandu jibqaghlha l-ebda dubju li l-imputat huwa hati tal-ewwel zewg imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu. Fir-rigward tal-kwalifika tal-valur, il-Qorti tinnota li dak li xehdet Rebecca Camilleri fir-rigward ta' kemm skond hi serqulha flus u ta' kemm skond hi kien jiswa l-*cash register* m'huwiex bizzejjed sabiex il-kwalfika tal-valur jigi pruvat b'hekk l-imputat mhux ser jinstab hati ta' din il-kwalifika.

**<u>It-Tielet (3) Imputazzjoni</u>**

**<u>(Serq ta' zewg qsari ghad-detriment ta' Anthony Satariano)</u>**:

Illi fl-atti processwali jirrizulta dan:

- Anthony Satariano (*a fol.* 134) spjega li quddiem il-bieb ta' barra kellu zewgt iqsari forma ta' dghajsa u li darba minnhom mar lura d-dar u sabhom neqsin. Jixhed li jidhirlu li xtrahom bejn Lm15-Lm20 il-wahda. Meta gie nfurmat li dawn kienu nstabu go vettura hamra u mar l-Ghassa, identifika li l-qsari li kien hemm fil-vettura kienu tieghu.

- PS 581 Loreto Buttigieg (*a fol.* 59 *et seq.*) jixhed li Satariano kien nfurmah illi kellu zewg qsari quddiem id-dar li gew misruqin.

- PS 559 Jason Spiteri (*a fol.* 85 *et seq.*) jghid li fil-vettura li kienu fiha l-imputat u Cini nstabu zewg qsari forma ta' dghajsa u li l-vittma gharaf dawn il-qsari li kienu gew misruqa lilu u dana peress li kienu forma ta' dghajsa.

Illi m'hemmx dubju ghalhekk, u tenut kont tal-fatt li l-qsari in kwistjoni nstabu fil-vettura tal-imputat, li t-tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jinstab hati taghha.

**<u>Ir-Raba' (4) Imputazzjoni</u>**

**<u>(Serq ta' diversi oggetti minn vettura KKK 600 ghad-detriment ta' Barbara Bourne kwalifikat bil-Mezz u bix-Xorta tal-Haga Misruqa)</u>**:

Illi, fir-rigward ta' din l-imputazzjoni, il-Qorti semghet is-segwenti:

- Barbara Bourne (*a fol.* 74 *et seq.*) qalet li kienet halliet nofs it-tieqa tal-vettura taghha miftuha u li sabet il-basket li kellha fil-vettura misruq, f'liema basket tghid li kellha, fost l-ohrajn, ktieb u *key-chain* fl-ghamla ta' delfin. Tikkonferma li l-*key-chain* hija dik li giet immarkata bhala Dok. "N" (*a fol.* 50) u li aktar tard nstab il-ktieb in kwistjoni.

- Lucia Mifsud (*a fol.* 100 *et seq.*) xehdet li kienet marret id-dar taghha Barbara Bourne u li wara qaltilha li kien insterqilha l-basket mill-vettura taghha. Xehdet li osservat ktieb f'ghalqa vicin, li Bourne kkonfermat li kien taghha.

- PS 581 Loreto Buttigieg (*a fol.* 59 *et seq.*) xehed kif Bourne rrapportat li mill-vettura taghha li kienet ipparkjata bit-twieqi miftuhin nsterqu s-segwenti: *basket* bl-affarijiet go fih, fosthom kien hemm sett cwievet b'*key chain* forma ta' delfin u ktieb antik, li nstabu. Jghid li l-*key chain* instabet mac-cwievet tal-vettura tal-imputat.

- PS 559 Jason Spiteri (*a fol.* 85 *et seq.*) xehed li fuq l-imputat instabet il-*key chain* (Dok. "N" – *a fol.* 50) b'forma ta' denfil li kienet go baskett li gie rapportat misruq.

Illi, tenut kont ta' dan kollu u tenut kont tal-fatt li effettivament il-*key chain* in kwistjoni u li kienet gol-basket misruq instabet fuq l-

imputat, il-Qorti m'ghandha jibqghalha l-ebda dubju li effettivament l-imputat huwa hati tar-raba' (4) imputazzjoni bil-kwalifika tax-xorta tal-haga misruqa (*stante* li s-serqa saret minn vettura) u b'hekk l-imputat ser jinstab hati ta' hekk. Fir-rigward tal-kwalifika tal-mezz, fejn fl-imputazzjoni in kwistjoni ssir riferenza ghal "sgass", dan ma jirrizultax u ghaldaqstant l-imputat mhux ser jinstab hati tal-kwalifika tal-mezz.

**<u>Il-Hames (5), is-Sitt (6) u s-Seba' (7) Imputazzjoni</u>**

**<u>(Attentat ta' Serq ghad-detriment ta' Maria Portelli u Grace Abela kwalifikat bil-Valur u bix-Xorta tal-Haga Misruqa)</u>**:

**<u>(Hsara Volontarja ghad-detriment ta' Maria Portelli u Grace Abela)</u>**:

Illi, fir-rigward ta' dawn it-tlitt imputazzjonijiet, il-Qorti tinnota s-segwenti:

- Maria Portelli (*a fol.* 135) spjegat li kienet halliet t-twieqi tal-vettura mnizzlin u rrealizzat li xi hadd kien dahal fil-vettra taghha. Xehdet li sabet il-vettura tal-bieba tad-*dashboard* mkissra u sabet l-i*stereo* maqlugh u li kellu l-*wires* maqtughin minn wara. Ezebiet stima tal-ispejjez (Dok. "E" – *a fol.* 14) li liema stima tammonta ghal €150.

- Grace Abela (*a fol.* 102) xehdet li xi hadd kien dahal fil-vettura taghha u ghamlilha l-hsara fil-bieba tad-*dashboard* u li kellha xi karti li sabithom mferxin fil-vettura u li ma kien insteraq xejn mill-vettura. Xehdet li certu Tony Vella ghamlilha stima ta' madwar mitt Euro (€100.00) minhabba li l-bieba tad-*dashboard* ma setghetx tinghalaq sewwa.

- PS 581 Loreto Buttigieg (*a fol.* 59 *et seq.*) xehed fuq dak li kienu rapportaw Maria Portelli u Grace Abela.

- Anthony Vella (*a fol.* 103) ezebixxa stima (Dok. "AV" – *a fol.* 104) li giet moghtija lil Grace Abela liema stima hija dik ta' €87.23.

- Jason Micallef (*a fol.* 133) kkonferma Dok. "E" (*a fol.* 14), liema stima giet ezebita minn Maria Portelli.

Illi minkejja li l-imputat jinsab akkuzat li kkommetta r-reati li jirrizultaw mill-hames (5), mis-sitt (6) u mis-seba' (7) imputazzjonijiet, liema reati sehhew fil-granet indikati fl-imputazzjonijiet l-ohra, ma jirrizulta minn imkien li kien l-imputat li kkommetta dawn ir-reati (il-hames (5), is-sitt (6) u s-seba' (7) imputazzjonijiet). Ghalkemm il-Qorti tista' tispekula dwar jekk l-imputat kienx involut fil-hames (5), fis-sitt (6) u fis-seba' (7) imputazzjonijiet, madanakollu dawn huma biss kongetturi u xejn ibbazat fuq provi konkreti fl-atti. Ghaldaqstant, il-Qorti tinnota li dawn l-imputazzjonijiet ma gewx pruvati u b'hekk l-imputat ser jigi liberat minnhom.

**It-Tmien (8), id-Disa' (9) u l-Ghaxar (10) Imputazzjoni**

**(Ingurji, Theddid, Attakk, Rezistenza, Feriti ta' Natura Hafifa fuq il-persuna ta' PS 581 Loreto Buttigieg)**:

Illi taht it-tmien (8) u d-disa' (9) imputazzjoni, l-imputat jinsab akkuzat bir-reati konnessi mal-ingurji u vjolenza kontra ufficjali pubblici u precizament bir-reati kkontemplati fl-Artikoli 95 u 96 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi irid jigi puntwalizzat mill-bidu nett illi hemm distinzjoni netta bejn dawn iz-zewg reati ghalkemm it-tnejn ghandhom bhala vittma persuna fil-vesti ufficjali taghha.

Illi Artikolu 95 jitkellem dwar l-ingurja jew theddid fil-konfront tal-ufficjal pubbliku. Illi ghalhekk l-element materjali ta' dana r-reat

huwa l-ingurja jew it-theddid. Dawn jistghu jiehdu kemm il-forma verbali kif ukoll miktuba, gesti jew tpingija li huma intenzjonati biex inaqqsu l-gieh u r-reputazzjoni tal-persuna lejn min huma diretti.

Illi l-vittma ta' dana r-reat jista' jkun biss l-ufficjal pubbliku u l-ingurja jew it-theddida trid issir jew (1) filwaqt illi jkun qed jaghmel servizz pubbliku (2) jew inkella minhabba li jkun ghamel dana s-servizz pubbliku (3) jew bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Illi l-awturi jaghmlu distinzjoni bejn il-mottiv wara l-ingurja jew it-theddid fl-ewwel istanza u dana l-mottiv fit-tieni u t-tielet istanza msemmija fil-ligi. Dana billi meta l-oltragg isir fil-mument illi l-ufficjal pubbliku jkun qieghed jaghti s-servizz ma huwiex necessarju illi l-ingurja jew it-theddida tkun marbuta mal-funzjoni illi huwa jkun qieghed jezercita. L-awturi Cheveau et Helie, li jsemmi l-Professur Mamo fin-notamenti tieghu, ighidu:

> *"Quando l'oltraggio si verifica nel corso delle funzioni, il motivo che lo determina e' indifferente; la legge vede soltanto il turbamento, l'ingiuria fatta all'esercizio delle funzioni, l'insulto che degrada la loro dignita'; avesse pure quest'ingiuria una causa determinante estranea alle funzioni, il turbamento all'esercizio di esse sussisterebbe sempre."*

Kuntrarjament fiz-zewg istanzi l-ohra jrid ikun jigi ppruvat *nexus* bejn l-oltragg u l-qadi tal-funzjoni pubblika.

Illi finalment ir-reat irid necessarjament jigi kommess fil-konfront ta' ufficjal pubbliku jew ta' persuna nkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku.

Il-Professur Mamo fin-notamenti tieghu jghid:

> *"This offence arises even though the person charged with the public duty may not at the time of discharging such duty be wearing his uniform or badge etc of office, provided the offender was aware of his status as such person."*

Sahansitra f'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-2 ta' Novembru 1917 f'kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Giuseppe Borg** jinghad:

> *"Nel reato di oltraggio ad ufficiale od impiegato pubblico, oltre il dolo specifico desunto dal fine dell'agente, e' necessario ad integrare l'elemento morale od intenzionale del reato, la scienza della qualita' ufficiale dell'oltraggiato, ma questa scienza puo' sussistere indipendentemente dalla questione se il pubblico ufficiale portasse on no la divisa della sua carica al tempo dell'oltraggio; di guisacche' il reato puo' avverarsi anche se l'ufficiale non indossasse tale divisa a patto, ben inteso, che risulti della scienza nell'oltraggiante della qualita' ufficiale dell'oltraggiato."*

L-Artikolu 96, imbaghad ghalkemm ukoll ghandu bhala vittma, l-ufficjal pubbliku, jikkontempla tlett elementi essenzjali ghal kostituzzjoni ta' dana r-reat:

1. Fl-ewwel lok, irid ikun hemm l-attakk jew resistenza. Illi jkun hemm biss disubbidjenza tal-ligi jew ta' ordni moghtija minn xi awtorita' ghalhekk mhux sufficjenti ghal kummissjoni ta' dana r-reat. Il-Mamo jkompli jghid: "*It is only when the insubordination or defiance goes so far as to obstruct the execution of the law or of lawful orders of the competent authority that the crime of attack or resistance can arise. The purpose of the agent in this crime, therefore, must be precisely that of obstructing or frustrating the execution of the law or the lawful orders of the competent authority, by opposing the action of those charged therewith*". Fin-nuqqas ta' dana jista' jissussisti biss ir-reat ikkontemplat fl-Artikolu 95 biss. Inoltre l-attakk jew resistenza trid tkun necessarjament akkompanjata bl-uzu tal-forza, vjolenza jew bil-hebb. Ghalhekk insulti jew theddid qatt ma jistghu jwasslu ghal htija taht dina d-disposizzjoni tal-ligi.

2. Fit-tieni lok ir-reat irid jigi kommess fil-konfront ta' ufficjal pubbliku jew kif tghid testwalment il-ligi "*persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku*". Illi l-Qorti taghmel riferenza ghal dak sottolinjat iktar 'il fuq u cioé illi huwa necessarju illi ghalkemm tali persuna mhux necessarjament ghandha tkun liebsa uniformi jew xi marka jew sinjal li turi l-kapacita' li fiha qed tagixxi, madanakollu x-xjenza tal-persuna li qed tikkommetti dana r-reat illi l-vittma hija ufficjal pubbliku hija necessarja. Altrimenti l-*mens rea* ghal kummissjoni ta' dana r-reat ikun nieqes.

3. Fl-ahharnett huwa necessarju illi l-attakk jew resistenza kontra l-ufficjal pubbliku jrid isir filwaqt illi huwa jkun qieghed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi minn awtorita' kompetenti. Il-Mamo jkompli jghid: "*Therefore, any violence committed after the law or the order has already been executed, even though it may be on account of such execution, would not give rise to this crime.*"

Il-Qrati taghna f'diversi sentenzi spjegaw id-differenzi bejn dawn iz-zewg reati. F'sentenza **Il-Pulizija vs. Joseph Zahra** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 Settembru 2002 gie deciz:

> "Dana l-artikolu (b'riferenza ghall-artikolu 96) jirrikjedi mhux biss li l-vittma tkun persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku" (l-istess bhalma jirrikjedi l-Artikolu 95(1)), izda wkoll li r-reat ikun sar filwaqt li dik il-persuna hekk inkarigata minn dak is-servizz pubbliku "tkun qed tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' xi ordni moghti skond il-ligi minn xi awtorita` kompetenti". Din l-espressjoni hi differenti minn dik uzata fl-Artikolu 95(1) – "waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz".

Illi, fir-rigward tat-tmien (8), tad-disa' (9) u tal-ghaxar (10) imputazzjonijiet, il-Qorti tinnota s-segwenti:

- PS 581 Loreto Buttigieg (*a fol.* 59 *et seq.*) xehed fuq kif l-imputat hebb ghalih u li mar b'rankatura ghal fuqu u tah zewg daqqiet ta' ponn fuq sidru. Ikkonferma c-certifikat mediku mmarkat bhala Dok. "C" (*a fol.* 12). PS 581 jixhed li bid-daqqiet li tah l-imputat kellu biss hmura u li ma kellux tbengiel jew grif.

- PC 774 Anthony Calleja (*a fol.* 81 *et seq.*) xehed fuq kif l-imputat dar ghal PS 581 u tah daqqa taht ghonqu.

- PS 559 Jason Spiteri (*a fol.* 85 *et seq.*) ukoll xehed li l-imputat imbotta lil PS 581 u tah daqqa go sidru taht l-ghonq.

- PS 1424 Mario Sciberras (*a fol.* 129) xehed kif l-imputat ta daqqa ta' ponn b'zewg idejn fuq sider PS 581 u mbuttah mal-hajt.

- PC 371 Joseph Mercieca (*a fol.* 131 *et seq.*) xehed kif l-imputat mbotta lil PS 581 bil-ponn fuq sidru.

- Dr. Joseph Galea (*a fol.* 126 *et seq.*) ikkonferma c-certifikat mediku (Dok. "C" – *a fol.* 12) rilaxxat minnu f'liema certifikat hemm indikat li PS 581 Loreto Buttigieg sofra griehi ta' natura hafida. Xehed li sab hmura superficjali fuq is-sider u fuq l-ghonq in-naha tax-xellug u li PS 581 ma kienx qed jilmenta mieghu minn xi ugiegh.

Illi, tenut kont ta' dan kollu u mehud in konsiderazzjoni dak li nghad aktar il-fuq rigward ir-reati li jemergu minn Artikoli 95 u 96 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tinnota li t-tmien (8) u d-disa' (9) imputazzjonijiet gew sodisfacentement pruvati tant li PS 581 Loreto Buttigieg spicca ferut. Fir-rigward tal-ghaxar (10) imputazzjoni, il-Qorti tinnota li fin-Nota tieghu ta' Rinviju ghal Gudizzju l-Avukat Generali ndika, fost l-ohrajn, Artikolu 216(1)(a) u cioé li giet ikkawzata ferita ta' natura gravi. Dan ma jirrizultax. Jirrizulta biss li l-imputat kkawza ferita ta' natura hafifa fuq PS 581 u b'hekk l-imputat ser jigi misjub hati tal-ghaxar (10) imputazzjoni kif tirrizulta mic-*charge sheet*[2] kontra tieghu.

**<u>Il-Hdax (11) Imputazzjoni</u>**

**<u>(Ksur tal-Bon Ordni jew il-Kwiet tal-Pubbliku)</u>**:

Illi l-Qorti tinnota li diversi ufficjali tal-Pulizija xehdu li l-imputat beda jghajjat meta kien gol-Ghassa tal-Pulizija. Dawn l-ufficjali huma s-segwenti: PS 581 Loreto Buttigieg (*a fol.* 59 *et seq.*), PC 774 Anthony Calleja (*a fol.* 81 *et seq.*), PS 559 Jason Spiteri (*a fol.* 85 *et*

[2] *A fol.* 2.

*seq.*), u PS 1424 Mario Sciberras (*a fol.* 129). L-ufficjali tal-Pulizija xehdu wkoll kif sar tentattiv sabiex l-imputat jigi kkalmat. Meta l-Qorti tiehu in konsiderazzjoni dan kollu kif ukoll il-konsiderazzjonijiet li saru fir-rigward tat-tmien (8), tad-disa' (9) u tal-ghaxar (10) imputazzjonijiet u kif ukoll dak li tghid il-gurisprudenza kostanti fis-sens li kontravenzjoni taht l-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta hija dik li fil-Ligi Ingliża hija *'a breach of public peace'*, cioé li persuni ohra jkunu beżghu ghall-inkolumita' taghhom waqt l-incident, il-Qorti ma jibqaghlha l-ebda dubju li l-hdax (11) imputazzjoni tirrizulta u b'hekk l-imputat ser jigi misjub hati taghha.

**<u>It-Tnax (12) Imputazzjoni</u>**

**<u>(Recidiva)</u>**:

Illi l-Qorti tinnota li l-atti processwali ma jikkontjenu l-ebda sentenza moghtija fil-konfront tal-imputat u b'hekk m'hemmx dubju li l-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova li effettivament l-imputat huwa fil-fatt recidiv u b'hekk l-imputat ser jigi liberat minn din l-imputazzjoni.

**<u>Artikoli 338(bb), 338(ee), 338(ff), 339(1)(b), 339(1)(d), 339(1)(e), 339(1)(i) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ndikati biss fin-Nota tar-Rinviju ghall-Gudizju tal-Avukat Generali (*a fol.* 147)</u>**:

Illi l-Qorti tinnota li mill-atti processwali ma jirrizultax li f'xi hin l-imputat ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija, li kien fis-sakra, li qal xi kliem oxxen jew indicenti, li hedded bil-gebel jew bi hwejjeg ohra iebsin, li ta xi qata' jew bezza' lil xi haddiehor jew li ghamel ingurji jew theddid (skond Artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta) u b'hekk l-imputat m'huwiex ser jinstab hati tal-kontravenzjonijiet li jemergu minn Artikoli 338(bb), 338(ee), 338(ff), 339(1)(b), 339(1)(e) u 339(1)(i). Pero l-Qorti tinnota li mill-

atti processwali jirrizulta li effettivament l-imputat hebb ghal PS 581 Loreto Buttigieg u b'hekk l-imputat ser jigi misjub hati taht Artikolu 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li *ai fini* ta' piena ser tigi kunsidrata assorbita taht id-disa' (9) imputazzjoni.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputazzjonijiet li gew sodisfacentement pruvati huma s-segwenti: l-ewwel (1) u t-tieni (2) (it-tnejn minghajr il-kwalifika tal-valur), it-tielet (3), ir-raba' (4) (bil-kwalifika tax-xorta tal-haga misruqa biss), it-tmienja (8), id-disa' (9), l-ghaxar (10) (ta' ferita ta' natura hafifa biss), u l-hdax (11) imputazzjoni u kif ukoll tal-kontavenzjoni li temergi minn Artikolu 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi, fir-rigward tal-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati addebitati lill-imputat u li gew pruvati, il-fedina penali tieghu (Dok. "L" – *a fol.* 32 *et seq.*), in-Nota mill-Ufficjal tal-Probation Marietta Lanzon in segwitu tal-Ordni Provizorja ta' Supervizjoni (*a fol.* 119), dak li xehdet Dr. Roberta Holland (*a fol.* 199 *et seq.*) u r-rapport redatt minnha (Dok. "RH" – *a fol.* 204 *et seq.*). Il-Qorti hija tal-fehma li ghandha tasal ghall-bilanc bejn id-diversi reati li wettaq l-imputat u kif ukoll il-fatt li jidher li l-imputat fehem li ghandu bzonn l-ghajnuna b'mod specjali biex johrog mid-dipendenza tieghu fuq id-droga li jirrizulta minn dak li xehdet Dr. Roberta Holland u mir-rapport taghha.

Illi l-Qorti hija tal-fehma li, tenut kont ta' dan kollu, l-imputat ghandu jinghata cans iehor sabiex jirriforma hajtu b'dan illi l-Qorti qieghda taghmilha cara illi din ser tkun **L-AHHAR DARBA** li l-

imputat ser jinghata dan ic-cans. Il-Qorti ser tara li l-imputat jinghata ordni li permezz taghha jkun obbligat ihallas kwalunkwe ammont jew haga misruqa minnu u li ghadu jew ghadhom ma gewx ritornati lura lil sidhom u ser tinformah dwar il-konsegwenzi serji li jista' jsib ma' wiccu u jkollu jghaddi minnhom f'kaz li dan iz-zmien ma jigix rispettat u/jew f'kaz li ma jsirx il-hlas dovut minnu. Il-Qorti hija tal-fehma li fic-cirkostanzi m'ghandhiex tikkundanna lill-imputat ghall-piena ta' prigunerija effettiva pero ghandha tikkundannah ghall-piena ta' prigunerija sospiza b'dan illi l-imputat ghandu jitpogga taht Ordni ta' Supervizjoni taht Artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan kollu ghandu jkun mhux biss ta' benefficju ghalih biss imma ghas-socjeta' in generali ukoll. Il-Qorti ser tassigura ruhha li l-imputat verament jirriabilita ruhu u li jaghmel dak kollu li hemm bzonn sabiex jeghleb il-vizzju tieghu tad-droga darba ghal dejjem u l-Qorti ser tassigura ruhha wkoll li l-imputat jifhem li din mhijiex sempliciment soluzzjoni biex huwa jevita piena karcerarja imma li huwa jrid jaghmel il-parti tieghu u li fin-nuqqas ser ikun hemm konsegwenzi serji.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti,

filwaqt li ma ssibx lill-imputat hati tal-kwalifika tal-valur fl-ewwel (1) u fit-tieni (2) imputazzjoni, tal-kwalifika ta' sgass (*ossia* mezz) fir-raba' (4) imputazzjoni u kif ukoll tal-hames (5), tas-sitt (6), tas-seba' (7), tat-tnax (12) imputazzjoni u tar-reati li jemergu minn Artikoli 216(1)(a)(ii)(iii)(b), 338(bb), 338(ee), 338(ff), 339(1)(b), 339(1)(e), u 339(1)(i) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta (liema Artikoli jinsabu ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota tieghu datata 20 ta' Lulju 2010 (*a fol.* 147)) u b'hekk tilliberah minnhom,

wara li rat l-Artikoli tal-Ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota tieghu datata 20 ta' Lulju 2010 (*a fol.* 147) b'mod partikolari Artikoli

95, 96, 214, 261(g), 271, 284, 285, 338(dd), u 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u wara li rat ukoll Artikoli 215 u 221(1) tal-istess Kapitolu 9, issib lill-imputat Patrick Mangion hati tal-ewwel (1) (minghajr ebda kwalifika), tat-tieni (2) (minghajr ebda kwalifika), tat-tielet (3), tar-raba' (4) (kwalifikat bix-xorta tal-haga misruqa **BISS**), tat-tmien (8), tad-disa' (9), tal-ghaxar (10) (ta' ferita ta' natura hafifa **BISS**), u tal-hdax (11) imputazzjoni u kif ukoll tar-reat li jemergi minn Artikolu 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tikkundannah ghal perijodu ta' sentejn prigunerija li b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-istess Kapitolu 9 qed jigu sospizi ghal perijodu ta' tlitt (3) snin.

*In oltre* b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed tordna lill-imputat biex fi zmien sitt (6) xhur millum ihallas l-ammont ta' €200 (mitejn Euro) (liema ammont qed jigi likwidat *arbitrio viri*) lil Rebecca Camilleri u b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28G ta' l-istess Kapitolu 9 qed tpoggi lill-imputat taht ordni ta' supervizzjoni ghal perjodu ta' tlett (3) snin bil-kundizzjonijiet elenkati fl-ordni moghti kontestwalment u li joqghod ghad-direttivi kollha li jinghata mill-Ufficjal tal-Probation dwar il-kura u trattament necessarji li huwa ghandu bzonn.
Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju r-responsabbilta' tieghu u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tlitt (3) snin u f'kaz li ma jhallasx dak li gie ordnat li jhallas lil Rebecca Camilleri fiz-zmien stabbilit u jekk ma joqghodx ghall-ordnijiet lilu moghtija.

Finalment, il-Qorti tordna n-notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur ta' l-Ufficcju tal-Probation sabiex jiehu konjizzjoni taghha u jiehu l-passi necessarji.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------